MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 4/2010

**Carmel u Sylvia konjugi Zarb**

**vs**

**FMC Motors Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-14 ta' April 2010 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur (It-Tribual) ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal**,*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Marzu, 2009 fejn ir-rikorrent talbu danni ta' elf, mitejn, hamsa u hamsin ewro u sitta u hamsin centezmi (€1,255.56) rapprezentanti prezz mitluba u mhallsa zejda fuq xoghol ta' tiswija li sar fuq vettura.*

*L-intimat opprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

***Ir-rikorrenti issottomettew bil-miktub illi:-***

*Fit-31 ta' Mejju 2007 inghataw kwotazzjoni bil-miktub minghand is-socjeta' ntimata dwar kemm kienet ser tkun l-ispiza sabiex isewwu l-van taghhom ta' ghamla TATA. Din l-istima kienet ta' tliet elef, mija, sebgha u sittin ewro (€3,167).*

*Meta marru sabiex jiehdu lura l-van huma gew mitluba jhallsu s-somma ta' elf, mitejn, hamsa u hamsin ewro (€1,255) izjed mill-prezz ikkwotat u dan minghajr qatt qabel ma kienu avzati mill-intimat li l-prezz tax-xoghol kien ser jizdied b'dak l-ammont.*
*Huma hallsu dan l-ammont mitlub taht protesta.*

***L-intimat issottometta bil-miktub illi:-***

*Ir-rikorrenti accettaw l-istima tant li kienu ffirmaw kambjali u wara proceduri legali skont legali skont l-artikolu 256 (2) tal-Kap 12 huma ma kkontestawx il-kambjali kif kellhom dritt li jaghmlu anzi halsu l-ammont dovut.*

*Mhux minnu li hallsu 'under protest' tant li kieku stess setghu kkontestaw il-kambjali.*

*Jaghmlu referenza ghar-risposta taghhom stess tas-26 ta' Marzu 2009 lid-Dipartiment tal-Konsumatur u dan bla pregudizzju ghal premess.*

*Galadarba r-rikorrenti ma kkontestawx il-kambjali ma jistghux issa jaghmlu dawn il-proceduri, liema proceduri huma kontestazzjoni tal-kambjali, haga li hija mhux kompetenza ta' dan it-Tribunal.*

*It-Tribunal ezamina d-dokumenti esibiti.*

***It-Tribunal jinnota illi :-***

*F'Mejju 2007 ir-rikorrenti hadu l-van taghhom ghand is-socjeta' ntimata u talbuhom stima tal-hsarat.*

*L-intimat ikkwota stima ghax-xoghlijiet rikjesti, 'parts' u 'labour', u din kienet ghas-somma ta' elf, tliet mija u sittin liri Maltin (Lm1,360) ekwivalenti ghal tliet elef, mija, sebgha u sittin ewro (€3,167), liema kwotazzjoni giet accettata mir-rikorrenti.*

*F'Novembru 2007, jigifieri wara sitt (6) xhur, ix-xoghol fuq il-van tlesta u r-rikorrenti marru sabiex ihallsu l-ammont miftiehem u jiehdu l-van izda l-intimat talabhom ihallsu s-somma ta' sitt mitt liri Maltin (Lm600), ekwivalenti ghal elf, tliet mija, sebgha u disghin ewro (€1,397) aktar mill-ammont miftiehem.*

*Ir-rikorrent iddikjara seduta stante illi r-rapprezentant tas-socjeta' ntimata kien infurmah li l-vann ma setax ikun rilaxxat qabel ma jithallas l-ammont kollu dovut jew li jigu ffirmati l-kambjali kollha.*

*Ir-rikorrent iddikjara seduta stante illi huwa baghat ittra bil-posta registrata lis-socjeta' ntimata sabiex jinfurmhom li kien qieghed ihallas biss 'under protest' u li s-socjeta' ntimata ma accettatx dik l-ittra u ghaldaqstant regghet giet ritornata lura ghandu.*

*Ir-rapprezentant tas-socjeta' ntimata ddikjara seduta stante illi r-rikorrent mar kemm-il darba sabiex jara x-xoghol fuq il-van tieghu kif kien qieghed isir.*

*Meta t-Tribunal staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta' ntimata ghaliex, minkejja li l-van damet ghandhom ghat-*

*tiswija madwar sitt xhur, u minkejja li r-rikorrenti kien mar diversi drabi sabiex jara x-xoghol kif kien qieghed isir, huma qatt ma nfurmaw lir-rikorrent li l-ispiza ghat-tiswija tal-vann kienet ser tizdied konsiderevolment, ir-rapprezentant tas-socjeta' ntimata rrisponda illi kieku r-rikorrent ried ikun jaf jekk hijiex ser tizdied l-ispiza nvoluta ghat-tiswija tal-van tieghu messu staqsa hu.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li ra illi:-*

*L-intimat kien ta lir-rikorrenti stima tax-xoghol, liema stima kienet pjuttost dettaljata.*

*Ghalkemm ir-rikorrent mar ghal diversi drabi sabiex jara l-progress li kien qieghed isir fix-xoghol fuq il-van tieghu l-intimat iddecieda li ma jinformahx illi l-ispiza kienet ser tizdied konsiderevolement.*

*Ir-rikorrent baghat ittra registrata sabiex jinforma lill-intimat li huwa kien qieghed ihallas l-ammont mizjud taht protesta izda l-intimat ma accettax dik l-ittra;*

*Jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lis-socjeta' ntimata tirrifondi lura lir-rikorrenti s-somma ta' disa' mija u tmenin ewro (€980) bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimat.*

Rat ir-rikors tal-Appell tas-socjeta` FMC Motors Limited datat 2 ta' Lulju 2010 a fol 1 tal-process fejn filwaqt illi taghmel referenza ghall-atti kollha u tirriserva li taghmel osservazzjonijiet ulterjuri u tressaq xhieda ohra u tesebixxi d-dokumenti permessi mil-ligi, titlob li tirrevoka d-decizjoni fuq imsemmija tal-14 ta' April 2010 numru 139/09 tat-Tribunal ghal Talbiet tal-konsumaturi (Malta) fl-ismijiet premessi u tilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u tichad it-talbiet tal-appellati. Bl-ispejjez kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-appellati Carmel u Sylvia konjugi Zarb datata 28 ta' Lulju 2010 a fol 5 tal-process fejn sostnew li ghar-ragunijiet hemm premessi l-appell ghandu jigi

michud u d-decizjoni appellata ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata 30 ta’ Lulju 2010 a fol 6 tal-process li biha pprezenta kopja fotostatika tal-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi fl-ismijiet premessi.

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Settembru 2010.
Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Settembru 2010 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2011 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Anthony Cutajar ghall-appellata prezenti u Dr. Stephen Thake ghall-appellanti. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ostakolu ghall-5 ta’ Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar kien permezz ta’ decizjoni tieghu datata 14 ta’ April 2010 laqa’ t-talba tal-atturi sabiex ihallsu lis-socjeta’ appellanti l-ammont ta’ €980 bhala refuzjoni in parti tal-ammont ta’ €1,255.56 li l-appellati gew ritenuti li gew mitluba jhallsu izjed fuq l-istima li s-socjeta’ appellata kienet taghthom sabiex tigi rrangata l-vettura taghhom, liema ammont huma kienu hallsu peress li s-socjeta’ appellata kienet insistiet li jew jithallas dak l-ammont u tigi rrilaxxata l-kambjala, jew jigu iffirmati kambjali fuq l-istesss ammont u tigi rrilaxxata l-karozza. Fil-fatt jidher li effettivament dan l-ammont hawn rifuz thallas fuq kambjali ghalkemm it-Tribunal accetta li dan il-hlas da parte tal-appellati sar taht protesta.

Illi sar appell minn din id-decizjoni b'rikors tat-2 ta' Lulju 2010 ghaliex l-appellanti sostnew li huma gew notifikati bid-decizjoni b'ittra datata 14 ta' Gunju 2010. Izda dwar dan hemm l-ewwel eccezzjoni fis-sens li l-appell huwa *fuori termine* peress li l-**artikolu 22 (1) tal-Kap. 378** jipprovdi li hemm appell quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tad-decizjoni, u la darba l-istess decizjoni inghatat fl-14 ta' April 2010 mela allura l-appell gie pprezentat wara z-zmien konsentit mill-ligi.

Illi fil-fatt mill-atti prodotti ma hemm l-ebda dubju li dak allegat mill-appellat huwa korrett, u peress li tali terminu ghall-prezentata tal-appell quddiem il-Qorti huwa wiehed perentorju, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-ebda konkluzjoni ohra hlief li tiddikjara l-appell *fuori termine* u ghalhekk tichad l-appell fuq din il-bazi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellati fir-risposta tal-appell taghhom datata 28 ta' Lulju 2010, **tichad l-appell** interpost mis-socjeta' appellanti pprezentat bir-rikors taghhom datat 2 ta' Lulju 2010, u dan peress li tali rikors tal-appell gie pprezentat *fuori termine* kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------